# *Animazzjoni – Il-Wieħed u Tletin Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra l-Wieħed u t-Tlettin Ħadd ta' Matul is-Sena. Illum Ġesù qiegħed jistedina b'mod ċar biex inħallu lil Alla jidħol fina biex nitbidlu, ejjew illum f'din il-quddiesa iħallu lil Alla ibidilna, filwaqt li nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

L-ewwel qari jurina lil Alla juri tjubitu ma' dawk li huma midinbin, San Pawl fit-tieni qari jispjegalna li t-tieni miġja ta' Kristu se tkun dejjiema u sħiħa, fl-evanġelju naraw l-istorja tal-konverżjoni ta' Żakkew. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Mulej, inbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.

**Offertorju:**

Waqt dan il-mument inressqu l-offerti tagħna, biex Ġesù jħejjielna l-ikla Mqaddsa, filwaqt li inkantaw flimkien.

**Tqarbin:**

F'dan il-mument Ġesù bħalma għamel ma' Żakkew qiegħed jistedina għall-ikla miegħu. Nersqu lejn il-mejda ewkaristika, filwaqt li nkantaw flimkien.